MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' April, 2014

Numru 259/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frank A. Tabone)**

**v.**

**Michele D'Amore**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Michele D'Amore, imwieled l-Italja, fit-23 ta' Novembru 1952 u joqgħod M.G.M. Court, Flat 1, Triq tal-Mensija, San Gwann, Malta detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 17788A, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

> Nhar it-3 ta' Settembru, 2011 għal ħabta tal-10:40hrs fil-viċinanzi ta' Kemmuna:-
>
> 1. Saq, ħalla jew ippermetta li jinstaq bastimet zgħir ċioe' C-18724 li jaħdem bil-mutur b'veloċita ta' aktar minn 10 mili nawtiċi f'post l-ġewwa minn 200 metru l-bogħod minn xtajta u dan bi ksur tar-regolament 25(c) tal-Avviz Legali 183 tal-2008 hekk kif emendat.

2. Saq, ħalla jew ippermetta li jinsaq bastiment zgħir ċioe’ S-18724 li jaħdem bil-mutur b’veloċita li fiċ-ċirkostanzi partikolari kien ta’ periklu għall-hajja jew setgħa jikkaġuna korriment jew iwassal għal xi kolliżjoni u dan bi ksur tar-regolament 26 tal-Avviż Legali 183 tal-2008 hekk kif emendat.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bhala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, mgħotija fl-14 ta’ Mejju, 2013, fejn il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 25(c), 26 u 45 u l-Ewwel Kolonna tat-Tielet Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.52 tal-Liġijiet ta’ Malta sabet lil imputat ħati ta’ l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u ikkundannatu multa ta’ sitt mitt Euro (€600.00).

**3.** Rat ir-rikors tal-appell tal-imsemmi Michele D’Amore, ppreżentat fir-reġistru ta’ din il-Qorti fit-28 ta’ Mejju, 2013, fejn talab lil din il-Qorti tvarja s-sentenza mogħtija u tillibera lil imputat mill-akkużi kollha kif dedotti kontrih.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża nklużi l-provi kollha prodotti quddiem l-ewwel Qorti u quddiem din il-Qorti fosthom id-depożizzjonijiet tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti u semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti tal-każ jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fit-3 ta’ Settembru 2011 għall-ħabta tal-10.40 hrs PC 389 Silvio Bonnici u PS 1330 kienu impenjati jagħmlu ronda fuq il-baħar fl-inħawi ta’ Kemmuna. F’xi ħin innutaw opra tal-baħar bin-numru 18724 li dehrilhom kienet qed tinsaq viċin ħafna tal-kosta tal-Blue Lagoon f’inqas ħafna minn 200 metru, u ċioe bejn 50 u 60 metru, b’veloċita ta’ madwar 25 nodi u ċioe’ ta’ aktar minn 10 nodi kif meħtieġ skont il-liġi. Id-dgħajsa kienet tidher planjata sew tant li kienet qed tiġbed ċertu rima warajha. L-uffiċjali tal-pulizija waqqfu lid-dgħajsa u kellmu lis-sewwieq u talbuh il-partikolaritajiet tiegħu u b’hekk ġie stabbilit li kien l-imputat. Huwa ammetta magħhom li kien ftit aljenat u ma kienx jaf li kien viċin tal-blat. Huma avzawh li jekk ried isuq b’aktar minn 10 nodi huwa kellu jaqla’ ‘l barra u avżawh li kienu ser jieħdu passi kontrih bil-Qorti.

**6.** Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti, kif espressament dikjarat minnu stess, filli jallega li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi.

**7.** Dwar din ix-xorta ta’ aggravju din il-Qorti diversi drabi rriteniet li bħala qorti ta’ reviżjoni bħala regola ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Jekk din il-Qorti, iżda, tasal għall-konklużjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konkluzjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni

valida jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dak l-apprezzament u konklużjoni.

**8.** F'dan il-każ din il-Qorti kellha l-okkażżjoni li tisma' hi stess ix-xhieda kollha prodotti fl-ewwel istanza u għalhekk hija f'qagħda tajba ħafna biex tara jekk hemmx raġunijiet serji biżżejjed li jagħtu lok li hi tiddisturba l-apprezzament tal-provi li għamlet l-ewwel Qorti.

**9.** Fl-affidavit tiegħu tal-14 ta' Marzu 2012, u ċioe sitt xhur biss wara d-data tal-inċident li wassal għall-proċeduri ta' lllum, PC 389 Silvio Bonnici sostanzjalment ikkonferma li l-fatti ġraw kif deskritti aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Dawn l-istess fatti ġew ukoll fis-sustanza tagħhom ribaditi meta huwa xehed quddiem din il-Qorti. Id-difiża għamlet ħafna mir-riferenza li saret fl-affidavit għall-blue lagoon iżda din il-Qorti ma hi impressjonata assolutament xejn b'din iċ-ċirkostanza tenut kont taż-żona piuttost żgħira, tħares minn fejn tħares lejha, ta' fejn ġara l-inċident fejn mkien ma hu bogħod minn mkien fl-istess inħawi. Il-fatti rakkontati minn PC 389 ġew ukoll korroborati mix-xiehda ta' PS 1330 Alexander Schembri meta' xehed quddiem din il-Qorti (fol 23-28). Dawn iż-żewġ uffiċjali tal-pulizija kkonfermaw li fid-data in kwistjoni huma osservaw lill-imputat isuq dgħajsa f'distanza ferm inqas minn 200 metru mill-kosta u ċioe' f'distanza ta' ċirka 60 metru bogħod mill-kosta. PC 389 ppreċiża li d-dgħajsa li fiha kienu hu u PS 1330 kienet f'distanza ta' 120 metru mill-kosta u dan kien jirriżulta mill-GPS li kellhom. Peress li d-dgħajsa tal-imputat għaddiet bejnhom (id-dghajsa tal-pulizija) u l-blat tal-kosta dan kien ifisser li d-distanza tad-dgħajsa li fiha kien hemm l-imputat mill-kosta kienet ta' ċirka 50 jew 60 metru. PS 389 Bonnici kategorikament jgħid li "ma kienx iktar, żgur li le" (fol.32). Huwa jżid li raw lill-imputat miexi b'veloċita' aktar minn dik permessa mill-liġi fid-distanza li kien jinsab mill-kosta u fl-affidavit tiegħu jispjega li d-dgħajsa kienet "planjata" sew tant li kienet qed tiġbed ċertu rima warajha. Għalhekk il-puliżija waqqfuh u kellmuh u l-imputat minn jeddu stqarr li kien għaddej b'veloċita ta' 25 nodi (fol. 23 u fol. 34). Fl-affidavit tiegħu PC 389 jgħid ukoll li l-imputat qallhom li kien aljenat u ma kienx jaf li kien viċint tal-blat.

**10.** L-imputat xehed quddiem l-ewwel Qorti u dik il-Qorti b'mod skjett rriteniet li "m'hijiex konvinta mill-verżjoni mogħtija mill-imputat". U din il-Qorti, wara li semgħetu jixhed taqbel mal-ewwel Qorti u anzi tgħid li hi konvinta li x-xiehda tiegħu ma hix veritjiera. Huwa pratikament jiċħad kull ma xehedu l-uffiċjali tal-puliżija. Iżda l-imputat jidher evidenti li hu konsapevoli tajjeb li ma hux kredibbli tant li jipprova minn kollox sabiex jipprova jikkonvinċi lill-Qorti mill-kredibilita' tieghu billi hu stess ripetutament jiċċertifika l-kredibilita' u professonalita' tiegħu stess u billi mal-ġurament li tipprovdi l-liġi jħossu fil-bżonn li jżid il-ġuramenti personalizzati tiegħu li "...Si, ti lo giuro su tutto quello che ho."(fol. 38)/"iva naħliflek fuq kulma

għandi"(fol.52) u aktar tard "... ma le giuro su la mia famiglia e i miei figli"(fol. 38)/"...naħliflek fuq il-familja tiegħi u fuq uliedi" (fol. 52); u "Lo posso giurare su quello a che vuole; lo posso morire all'istante" (fol 48)/ Nista' naħlef fuq xiex trid int; nirrah mmut sobtu" (fol. 62). Jaf ukoll li ma hemm ebda raġuni għaliex l-uffiċjali jaħilfu dak li jaħilfu fil-konfront tieghu jekk dak li qed jaħilfu ma hux minnu u allura joħroġ bi storja ta' żewġ persuni li jgħid li ltaqa' magħhom il-ġurnata ta' qabel u li dehru li kien nkorlati miegħu għaliex kien qabiżhom bid-dgħajsa tiegħu u jagħti x'jifhem li dawn kienu l-uffiċjali tal-puliżija li xehedu f'dawn il-proċeduri iżda jevita l-isperġur billi jistqarr fl-istess ħin li ma kienx jagħraf min kienu dawk iż-żewġ persuni u li kienu huma "E la mia supposizione...e' una mia supposizzione. Non e' una dichiarazione"/"Hija suppożizzjoni tiegħi...hi suppożizzjoni tiegħi. Mhijiex dikjarazzjoni" (fol. 55). Hemm affarijiet oħra iżda sa hawn biżżejjed.

**11.** In difeża l-imputat jipproduci wkoll lix-xhud Mario Salnitro. Il-Qorti dwar dan ix-xhud, bħal fil-każ tal-imputat, tgħid li "ma hix konvinta mill-verżjoni mogħtija" minnu. Din il-Qorti tgħid li tal-anqas qiegħed ikun ferm ekonomiku dwar il-verita'. Dan effettivament ma jgħid xejn bi preċiż, la jagħti distanzi u anqas jagħti xi numru għall-veloċita; Jsemmi li "konna qegħdin cruising speed tajjeb...imbgħad naqqas....beda dieħel lejn l-art...ma kienx għaddej bis-saħħa meta kien dieħel 'il barra kien għaddej jiġifieri normali...tkun qiegħed naqra barra ssuq...". Mingħajr ma jikkomprometti ruħu jgħid dak appena suffiċjenti biex fil-fehma tiegħu jappoġġja lill-imputat. Iżda imbgħad jgħid li bilkemm ntebah bil-preżenza tal-pulizija, ma jafx x'diskors sar, ma jafx għaliex ġew il-pulizija u jkollu jaqta' dwar mil-liema direzzjoni ġej għaliex anqas rahom ġejjin. Jgħid li dakinhar kienet l-ewwel darba li ltaqa' mal-imputat. Jgħid li d-dgħajsa kienet mimlija turisti Taljani u hu kien l-uniku Malti. Minn fost dawk it-Taljani kellu jkun hu, l-uniku Malti, li, għall-kurżita', mar jistaqsi lill-imputat x'ġara. L-imputat qallu li ma kien ġara xejn li kien sempliċi "controllo". Għalkemm kien ġie nfurmat li ma kien ġara xejn xorta ħass il-ħtieġa li lill-imputat jagħtih in-numru tat-telfon tiegħu biex jekk ikollu bżonn xi ħaġa jċempillu; dan meta l-imputat kien għadu kemm qallu li ma kien ġara xejn. Ma setax jagħti spjegazzjon razzjonali għaliex offra l-għajnuna tiegħu meta kien għadu kemm ġie informat li ebda għajnuna ma kien hemm bżonn għaliex ma kien ġara xejn; mhux hekk biss, anzi addirittura jagħti lill-imputat in-numru tat-telefon tiegħu. Din il-Qorti wkoll, bħall-ewwel Qorti, ma tagħtix affidament lil dan ix-xhud.

**12.** Din il-Qorti, għalhekk ma ssibx raġunijiet suffiċjenti sabiex tiddipartixxi mill-apprezzament tal-provi tal-ewwel Qorti dwar l-ewwel imputazzjoni.

**13.** Dwar it-tieni imputazzjoni, iżda, din il-Qorti ma hix sodisfatta li din ġiet pruvata mill-prosekuzzjoni skont il-liġi. Di fatti ma nġiebu ebda provi li fl-inħawi fejn kienet insaqet id-dgħajsa in kwistjoni kien hemm xi biċċiet oħra tal-baħar u li kien hemm il-

perikolu li l-imputat jidħol f'kolliżjoni magħhom. Anqas ma ġie pruvat li kien hemm xi nies jgħumu fl-inħawi u li għalhekk kien hemm xi periklu għall ħajja ta' xi ħadd. L-appellant ser għalhekk jiġi liberat minn din l-akkuża.

**14.** Dwar il-piena, peress li l-ewwel Qorti rriteniet, li it-tieni imputazzoni kienet assorbita fl-ewwel imputazzjoni u għalhekk imponiet biss il-piena applikabbli għall-ewwel imputazzjoni li dwarha din il-Qorti ser tikkonferma l-ħtija, isegwi li ma hemmx lok għall-varjazzjoni tal-piena peress li l-multa imposta hi l-unika piena li tista' tingħata għall-ħtija tal-ewwel imputazzjoni.

Għall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-appell u tvarja s-sentenza appellata billi ma ssibx lill-imputat appellant ħati tat-tieni imputazzjoni u minnha tilliberah u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------